Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,463, 18 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 335 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Medici jew tad-Drapp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 326 tal-2020.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2020.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti principali għandu jiġi sostitwit b'dan ġej:

"Użu mandatorju ta' *visors* jew maskri mediċi jew tad-drapp.

2. Kull persuna li tkun:

(a) ġewwa ħwienet tal-imnut;

(b) tivvjaġġa fuq transport pubbliku;

(ċ) tivvjaġġa bejn Malta u Għawdex inkluż fit-terminals rispettivi taċ-Ċirkewwa u l-Imġarr;

(d) ġewwa l-bini tat-terminal tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta;

(e) ġewwa l-bini tat-terminal tal-passigieri li jivvjaggaw bil-catamaran jew bil-cruise-liners; u

(f) qed tikseb servizz jew iżżur postijiet pubbliċi fuq ġewwa,

għandha, f'kull ħin, tilbes *visor* jew maskra medika jew tad-drapp.".